**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 372/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Emad Masoud**
**(ID 29013(A))**

**Illum, 27 ta' Gunju 2018**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Emad Masoud ta' 42 sena, iben Abdel Aalahmed u Gamela xebba Mansour, imwieled l-Egittu nhar il-25 ta' Novembru 1967 u residenti Nru. 55, Triq San Karlu, Sliema u detentur tal-karta tal-identita` numru 29013(A);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer u cioe` fil-21 ta' Mejju 2010 u fix-xahar ta' qabel din id-data:

a) Biegh jew xort'ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi mressqa f'dan il-każ sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar il-21 ta' Mejju 2010, għall-ħabta tad-9.00 p.m., waqt li kienu qegħdin jagħmlu ronda ġewwa San Ġiljan, SM 524 Paul Cassar u PC 1320 Sean Axiaq lemħu vettura Hyundai jew Daihatsu Terios bin-numru ta' reġistrazzjoni HBS 198 b'fanal imkisser, liema vettura kienet qegħda tiġi misjuqa mill-imputat odjern. Stante illi meta ġie mwaqqaf, l-imputat beda jaġixxi b'mod li qajjem suspett fl-uffiċjali preżenti, saret tfittxija fil-vettura u taħt is-*seat* tax-xufier, instab bħal kexxun, li kien fih pakkett tas-sigaretti Rothmans blu. F'dan il-pakkett, instabu xi biċċiet suspettati reżina tal-*cannabis* u fil-kexxun ukoll instabu xi biċċiet bħal dawn. Sussegwentement, saret tfittxija ġewwa r-residenza tal-istess imputat, f'Tas-Sliema. Minn *cupboard* taħt is-sink tal-kċina, ġiet elevata biċċa sustanza suspettata raża tal-*cannabis* u waqt it-tfittxija, instab ukoll flixkun tal-*Coca* bħal *bong*.[1]

L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija, wara li ħa parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu.[2] Għalkemm l-istqarrija ġġib id-data tal-21 ta' Mejju 2010, jidher illi din id-data hija żbaljata u kellha ġġib id-data tat-22 ta' Mejju 2010, tant illi apparti illi l-uffiċjali kollha tal-pulizija li xiehdu dwar dan il-każ, jirreferu għal dak li seħħ fil-21 ta' Mejju 2010, għad-domanda fl-istess stqarrija "*Ara Emad, il-*

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1174 Adrian Sciberras, a fol. 14 sa 16 tal-proċess; ix-xhieda ta' PC 1320 Sean Axiaq, a fol. 23 sa 24 tal-proċess u x-xhieda ta' SM 524 Paul Cassar, a fol. 25 sa 26 tal-proċess.
[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 12 u 13 tal-proċess.

*bierah 21 ta' Mejju 2010 ghall-habta tad-9.00pm, il-Pulizija tal-mobile waqfuk go San Giljan u meta ghamlu tfittxija fuqek, sabulek pakkett tas-sigaretti Rothmans Blue u li go fih kien hemm hames bicciet kannella susspettati Raza tal-Kannabis. Tikkonfermah dan?*"[3], l-imputat iwiegeb fl-affermattiv.

**Ikkunsidrat ukoll**:

Fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza tissottometti illi ghalkemm is-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat giet esebita fl-atti mill-Ufficjal Prosekutur, il-Prosekuzzjoni baqghet ma talbitx l-analizi ta' din is-sustanza u ghaldaqstant, ma jirrizultax illi din hija medicina perikoluza ai termini tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Tghid ukoll id-difiza, b'referenza ghall-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, illi anke fid-domandi taghha, il-Prosekuzzjoni tirreferi ghal sustanza suspettata raza tal-*cannabis* u ghalhekk lanqas fl-istqarrija m'hemm il-konvinciment li l-istess sustanza kienet effettivament raza tal-*cannabis* u dan stante illi dan il-fatt kien ghadu ma giex stabbilit. Ghaldaqstant, id-difiza tissottometti illi fin-nuqqas ta' tali prova, l-imputat m'ghandux jinstab hati.

Ghalkemm huwa minnu illi s-sustanza in kwistjoni baqghet ma gietx analizzata f'dawn il-proceduri u dan wara n-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li titlob il-hatra tal-espert ghal dan il-ghan, id-difiza m'hijiex ghal kollox korretta dwar il-kontenut tal-istqarrija tal-imputat. Fil-fatt ghalkemm huwa minnu, kif jidher mid-domanda fuq citata, illi f'punt minnhom l-imputat gie mistoqsi dwar il-"*hames bicciet kannella susspettati Raza tal-Kannabis*", madankollu, meta gie ssuggerit lilu illi huwa kien ser ibiegh ir-raza li nstabet ghandu, l-imputat iwiegeb hekk: "*...ilni madwar xahar inbiegh ir-raza tal-kannabis. Din kienet it-tieni darba. Meta nixtri, nhallas tmenin (€80) Euro u jaghtini hames bicciet. B'kollox naqla' €40 sabiex ikolli biex inpejjep jien. Jien dak li naghmel ghax ma nahdimx dejjem u ghalhekk ikolli il-flus biex nixtri il-cannabis ghalija peress li jiena niehu kuljum*" (sottolinear tal-Qorti).[4] Mistoqsi kif ibiegh id-droga, huwa jghid illi kellu erbat ihbieb u meta dawn jitolbuh huwa jgibilhom, u ghalhekk jaqla' xi haga zghira biex ikollu l-flus biex jixtri d-droga. Sussegwentement, mistoqsi kemm ilu jiehu l-*cannabis*, huwa jghid illi ilu jiehu hafna, imma kien biss dan l-ahhar xahar li beda jbieghha.

Ghalhekk ghalkemm is-sustanza esebita mill-Prosekuzzjoni baqghet ma gietx analizzata, mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, tirrizulta ammissjoni cara da parti tieghu illi s-sustanza misjuba kienet fil-fatt raza tal-*cannabis*. Jirrizulta wkoll mill-

[3] Ara a fol. 12 u 13 tal-process.
[4] A fol. 13 tal-process.

istess stqarrija, illi l-imputat kien ilu juza r-raza tal-*cannabis* ghal zmien twil u ghaldaqstant, il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tistrieh fuq din l-ammissjoni tieghu.

Tqis ghalhekk fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ossia dik li tirreferi ghall-bejgh u t-traffikar tar-raza tal-*cannabis*, illi fid-dawl tal-istqarrija tal-imputat, din tirrizulta ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi. Bl-istess mod jirrizulta wkoll mill-istess stqarrija, illi r-raza misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinitx intiza esklussivament ghall-uzu tieghu. Ghaldaqstant, anke t-tieni imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata, b'dan illi din qeghda tigi meqjusa bhala assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali aggornata tal-imputat, mil-liema jirrizulta illi l-imputat instab hati *inter alia* ta' pussess (semplici) ta' droga u traffikar tal-*cannabis*, b'dan l-ahhar reat kommess minnu fis-sena 2014 u fir-rigward ta' liema huwa gie kkundannat ghal hames xhur prigunerija effettiva. Jidher ghalhekk illi wara l-kaz odjern, l-imputat rega' kkommetta u nstab hati tal-istess reat li qed jinstab hati tieghu permezz ta' din is-sentenza.

Tqis ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz, kif rizultanti mill-istqarrija tal-imputat u illi l-istess imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, tant illi fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ghandu jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta b'zewg gradi. Qieset ukoll ix-xhieda tal-Ispettur Nikolai Sant, mil-liema jirrizulta madankollu illi l-kooperazzjoni tal-imputat mal-imsemmi Spetter diga` ssarrfet f'beneficcju ghall-istess imputat ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 fi proceduri separati mmexxija minnu u in oltre illi l-istess Spettur Sant ma kienx f'posizzjoni illi jivverifika jekk informazzjoni ohra li ta l-istess imputat wasslitx sabiex jittiehdu proceduri fil-konfront ta' terzi persuni. Kif inghad, madankollu, il-Qorti qeghda tqis id-dikjarazzjoni tal-Ispettur Victor Aquilina msemmija izjed 'il fuq.

Tqis ukoll illi ghalkemm dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2010, jirrizulta car mill-atti illi d-dewmien f'dawn il-proceduri kien ikkawzat mill-imputat jew mid-difiza.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a) u 8(b), l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' hames (5) xhur prigunerija effettiva u multa ta' hames mija u hamsin ewro (€550).

Tordna d-distruzzjoni ta' Dokument VA2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur, li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat